**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2014 li Jemenda l-Kodiċi Ċivili, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Titolu fil-qosor. Kap. 16.

**2.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 238 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda tal-artikolu 238 tal-Kodiċi.

"(1) Fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex, għandhom jinżammu erba' reġistri: wieħed biex fih jitniżżlu l-atti tat-twelid, wieħed biex fih jitniżżlu l-atti taż-żwieġ, ieħor biex fih jitniżżlu l-atti tal-unjoni ċivili u r-raba' wieħed biex fih jitniżżlu l-atti tal-mewt.".

**3.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 251 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "K, L,", għandhom jidħlu l-kliem "K, KK, L,". Emenda tal-artikolu 251 tal-Kodiċi.

**4.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 271 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 271 tal-Kodiċi.

(a) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (h); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (f) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) li jżidu formuli ġodda jew li jemendaw jew jimmodifikaw xi waħda mill-formuli fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma’ dan il-Kodiċi; u".

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab ma’ dan il-Kodiċi.

**5.** L-Ewwel Skeda li tinsab ma’ dan il-Kodiċi għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-partita 2 tat-Taqsima I tagħha, minnufih wara l-kliem "fil-każ ta’ żwieġ", għandhom jiżdiedu l-kliem "jew unjoni ċivili";

(b) fil-partita 7 tat-Taqsima I tagħha, minflok il-kliem "K, M", għandhom jidħlu l-kliem "K, KK, M,";

(ċ) fit-Taqsima II tagħha, minnufih wara l-Formula K, għandha tiżdied il-formula ġdida riprodotta fl-iskeda li tinsab ma’ dan l-Att; u

(d) fit-Taqsima III tagħha, minnufih wara l-kliem "post ieħor fejn sar iż-żwieġ.", għandu jiżdied dan li ġej:

"ATT TA’ UNJONI ĊIVILI

(a) Data tal-Att;

(b) Isem u kunjom (kull fejn jokkorru), data u post tat-twelid u residenza tal-partijiet fl-unjoni ċivili;

(ċ) Isem u kunjom tal-missier u isem, kunjom u kunjom xbubiet l-omm tal-partijiet fl-unjoni ċivili;

(d) Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda;

(e) Il-post fejn saret l-unjoni ċivili.".

---

SKEDA

[Artikolu 5(ċ)]

"

**FORMULA KK** **REĠISTRU PUBBLIKU**
***FORM KK*** ***PUBLIC REGISTRY***

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Unjoni Ċivili Nru. reġistrat fl-Uffiċju
*I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Civil Union No. registered in the*

tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
*Public Registry Office, Valletta, Malta in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).*

| Partikolaritajiet dwar *Particulars respecting* | Isem u kunjom *Name and surname* | Eta' jew data tat-twelid *Age or date of birth* | Post tat-twelid *Place of Birth* | Ġenitur/i *Parent/s* |
|---|---|---|---|---|
| Sieħeb/Sieħba *Partner* | | | | |
| Sieħeb/Sieħba *Partner* | | | | |
| Post u data tal-Unjoni Ċivili *Place and date of Civil Union* | Aħna ngħażlu li* ______ *We chose to ** ______ (*Daħħal l-għażla tal-kunjom magħżula ai termini ta' Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16)) *(*Insert the choice of surname chosen in terms of Article 4 of the Civil Code (Chapter 16))* | | | |

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA/GĦAWDEX
*PUBLIC REGISTRY OFFICE – MALTA/GOZO*

DIRETTUR
*DIRECTOR*

Dritt imħallas

*Fee Paid* EUR 2.33

".

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu biex jipprovdi għal Reġistru ta' Unjonijiet Ċivili, biex jipprovdi li tingħata s-setgħa lill-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel regolamenti sabiex iżid formuli ġodda jew jemenda jew jimmodifika xi waħda mill-formuli li jinsabu fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab fil-Kodiċi u biex iżid il-Formula KK ġdida.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Civil Code (Cap. 16).*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title.

Cap. 16.

**1.** The short title of this Act is the Civil Code (Amendment) Act, 2014, and this Act shall be read and construed as one with the Civil Code, hereinafter referred to as "the Code".

Amendment of article 238 of the Code.

**2.** Sub-article (1) of article 238 of the Code shall be substituted by the following:

"(1) In the Public Registry Office in Malta and in Gozo, there shall be kept four register books: one for the registration of acts of birth, one for the registration of acts of marriage, another for the registration of civil unions and the fourth for the registration of acts of death.".

Amendment of article 251 of the Code.

**3.** In sub-article (2) of article 251 of the Code, for the words "K, L,", there shall be substituted the words "K, KK, L,".

Amendment of article 271 of the Code.

**4.** Sub-article (1) of article 271 of the Code shall be amended as follows:

(a) paragraph (g) thereof shall be renumbered as paragraph (h); and

(b) immediately after paragraph (f) thereof, there shall be added the following new paragraph:

"(g) adding new forms or amending or modifying any of the forms in Part II of the First Schedule to this Code; and".

**5.** The First Schedule to the Code shall be amended as follows:

Amendment of the First Schedule to the Code.

(a) in item 2 of Part I thereof, immediately after the words "an act of marriage", there shall be added the words "or civil union";

(b) in item 7 of Part I thereof, for the words "K, M", there shall be substituted the words "K, KK, M,";

(c) in Part II thereof, immediately after the Form K, there shall be added the new form KK reproduced in the schedule to this Act; and

(d) in Part III thereof, immediately after the words "where the marriage took place.", there shall be added the following:

"ACT OF CIVIL UNION

(a) Date of the Act;

(b) Name and surname (wherever they may occur), date and place of birth and residence of parties in the civil union;

(c) Name and surname of father and name, surname and maiden surname of mother of the parties in the civil union;

(d) All the particulars of the witnesses;

(e) The place where the civil union took place.".

SCHEDULE

[Article 5(c)]

"

**FORMULA KK** **REĠISTRU PUBBLIKU**
***FORM KK*** ***PUBLIC REGISTRY***

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Unjoni Ċivili Nru. reġistrat fl-Uffiċju
*I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Civil Union No. registered in the*

tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
*Public Registry Office, Valletta, Malta in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).*

| Partikolaritajiet dwar<br>*Particulars respecting* | Isem u kunjom<br>*Name and surname* | Eta' jew data tat-twelid<br>*Age or date of birth* | Post tat-twelid<br>*Place of Birth* | Ġenitur/i<br>*Parent/s* |
|---|---|---|---|---|
| Sieħeb/Sieħba<br>*Partner* | | | | |
| Sieħeb/Sieħba<br>*Partner* | | | | |
| Post u data tal-Unjoni Ċivili<br>*Place and date of Civil Union* | Aħna ngħażlu li*_______________________<br>*We chose to* *_______________________<br>(*Daħħal l-għażla tal-kunjom magħżula ai termini ta' Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16))<br>*(*Insert the choice of surname chosen in terms of Article 4 of the Civil Code (Chapter 16))* | | | |

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA/GĦAWDEX
*PUBLIC REGISTRY OFFICE – MALTA/GOZO*

DIRETTUR
*DIRECTOR*

Dritt imħallas

*Fee Paid* EUR 2.33

".

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to provide for the Register for Civil Unions, to provide for the power of the Minister responsible for the Public Registry to make regulations in order to add new forms or to amend or to modify any of the forms found in Part II of the First Schedule to the Code and to add new Form KK.